



Il-Kummissjoni  
Ewropea

## “LISTA TA’ KONTROLL TAT-TĦEJJIJA GĦALL-BREXIT” GĦALL-KUMPAJNI LI JAGĦMLU NEGOZJU FL-UE

Settembru 2019



Din il-lista ta’ kontroll ġiet żviluppata għal skopijiet ta’ informazzjoni u hija maħsuba biex tgħin lill-kumpaniji li jagħmlu negozju fl-UE u/jew fir-Renju Unit biex jivverifikaw għal darba darbtejn l-istat ta’ thejjiya tagħhom għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE mingħajr ftehim dwar il-ħruġ. Filwaqt li ngħatat attenzjoni biex jiġu indirizzati dawk li jidher li huma l-aktar kwistjonijiet komuni u l-aktar aspetti rilevanti, il-lista hija indikattiva u ma għandhiex titqies li tittratta b’mod eżawrjenti l-kwistjonijiet kollha li jistgħu jqumu bħala konsegwenza ta’ ħruġ mingħajr ftehim. Għandha tintalab gwida addizzjonali mill-“Avviżi ta’ thejjiya għall-Brexit” ippubblikati mis-Servizzi tal-Kummissjoni u informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali. Uħud minn dawn l-avviżi huma msemmija, bħala eżempju, fin-noti f’qiegħ il-paġna ta’ din il-lista ta’ kontroll. L-“avviżi ta’ thejjiya għall-Brexit” huma kollha disponibbli hawnhekk:

[https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice\\_mt](https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notice_mt)

Il-kumpaniji jridu jaraw li jkunu mħejjija bis-sħiħ sad-data tal-ħruġ, jiġifieri d-data meta r-Renju Unit isir pajjiż terz (l-1 ta’ Novembru 2019). Ta’ min ifakkar li, fin-nuqqas ta’ ftehim dwar il-ħruġ ratifikat, il-“perjodu ta’ tranżizzjoni” miftiehem fi ma japplikax.

Ta’ min ifakkar ukoll li, anki jekk il-Ftehim dwar il-ħruġ ikun ġie ratifikat, ikun meħtieġ li tittieħed azzjoni ta’ negozju biex issir thejjiya għal wara l-perjodu ta’ tranżizzjoni, jiġifieri wara l-31 ta’ Diċembru 2020, meta r-regoli tal-UE għas-suq intern u l-Unjoni Doganali tal-UE ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. It-thejjiya tkun għalhekk meħtieġa fi kwalunkwe każ, għalkemm fi stadju aktar tard.

Din il-lista ta’ kontroll hija dokument dinamiku, li se jiġi aġġornat, kif meħtieġ.



## 1. It-tqegħid ta' oġġetti fis-suq tal-UE; esportazzjonijiet

### a. Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza tal-prodotti u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent, it-tqegħid fis-suq tal-UE ta' ċerti prodotti jeħtieġ ċertifikat<sup>1</sup> minn korp stabbilit fl-UE jew awtorizzazzjoni minn awtorità ta' Stat Membru tal-UE. Dan huwa l-każ, pereżempju, fejn jidhru is-settur tal-apparat mediku, jew is-settur awtomobilistiku<sup>2,3</sup>.

Wara l-Brexit, iċ-ċertifikati jew l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit jew minn korpi bbażati fir-Renju Unit ma jibqgħux validi fl-UE.

⇒ Jien ittrasferejt iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn xi korp jew awtorità bbażata fir-Renju Unit lejn korp jew awtorità bbażata fl-UE 27, jew fittxejt oħrajn ġodda?

### b. Rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni

Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar effettiv tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti, ċerti persuni b'responsabbiltà regolatorja jkollhom ikunu stabbiliti fl-UE (rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni). Dan huwa l-każ, pereżempju, fejn tidhru il-"persuna responsabbli"<sup>4</sup>, l-importatur, jew ir-reġistrant<sup>5</sup> jew id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq<sup>6</sup> ta' ċerti prodotti. F'ċerti oqsma, bħas-sustanzi kimiċi, <sup>7</sup>dan huwa ta' rilevanza partikolari fil-każ tal-"użu downstream" tal-prodotti.

Wara l-Brexit, il-persuni stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni.

⇒ Jien rajt li jkolli konformità mar-rekwiżiti tal-UE fejn tidhru lokalizzazzjoni?

### c. L-ittikkettjar u l-immarkar

Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar effettiv tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti, u sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, ħafna prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE għandhom jiġu ttikkettati jew immarkati bl-isem, l-indirizz, jew l-identifikatur tal-korp jew tal-persuna msemmija fit-taqsimiet 1.a) u b) ta' din il-lista ta' kontroll. Dan huwa l-każ, pereżempju, fejn jidhru prodotti industrijali,<sup>8</sup> farmaċewtiċi<sup>9</sup> u tagħmir mediku, u l-ikel<sup>10</sup> u l-għalf tal-annimali.

Wara l-Brexit, dawk il-marki jew it-tikkettar, meta jkunu qegħdin jirreferu għal korpi jew persuni stabbiliti fir-Renju Unit, ma jibqgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-tikkettar meta jitqiegħdu fis-suq tal-UE<sup>11</sup>.

⇒ Jien żgurajt li l-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE għandhom it-tikketti t-tajba u mmarkati b'mod korrett?

1 <https://ec.europa.eu/info/files/industrial-products>

<https://ec.europa.eu/info/files/industrial-products-questions-and-answers>

2 <https://ec.europa.eu/info/files/type-approvals-automotive-vehicles>

3 Dan huwa relevanti wkoll fil-każ ta' ċerti dikjarazzjonijiet fuq il-prodott, bħal pereżempju "organiku"

(ara [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_eu-food-law](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_eu-food-law)) jew l-ekotikketta tal-UE (ara <https://ec.europa.eu/info/files/eu-ecolabel>).

4 <https://ec.europa.eu/info/files/cosmetic-products>

5 <https://ec.europa.eu/info/files/chemicals-regulation-under-reach>

6 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#sante>

7 <https://ec.europa.eu/info/files/chemicals-regulation-under-reach>

8 <https://ec.europa.eu/info/files/industrial-products-questions-and-answers>

9 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#sante>

10 [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_eu-food-law](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_eu-food-law)

11 L-"avviżi ta' thejġija għall-Brexit" ippubblikati mis-Servizzi tal-Kummissjoni jiċċaraw li prodott li tqiegħed fis-suq tal-EU-27 qabel id-data tal-fruġ jista' jkompli jinbiegħ matul il-katina tad-distribuzzjoni fl-EU-27. Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-"Avviżi ta' thejġija għall-Brexit" għal kull settur.

#### d. Tariffi preferenzjali mogħtija minn pajjiżi terzi għall-prodotti tal-UE

Meta jesportaw prodotti lejn pajjiżi terzi li magħhom l-UE għandha Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, il-prodotti jistgħu jgawdu minn rata ta' tariffa preferenzjali (jiġifieri aktar baxxa) jekk il-prodotti jkollhom "kontenut tal-UE" suffiċjenti skont "ir-regoli ta' oriġini" applikabbli, iddokumentati bi prova tal-oriġini<sup>12</sup>. Dan huwa rilevanti, pereżempju, fis-settur awtomobilistiku (inklużi partijiet tal-karozzi jew komponenti oħra) u fis-settur agroalimentari.

Wara l-Brexit, il-komponent tar-Renju Unit fi prodotti lesti ma jibqax jitqies bħala kontenut tal-UE.

→ Jien eżaminajt il-ktajjen tal-provvista tiegħi, u ttrattajt kwalunkwe komponent mir-Renju Unit bħala "mhux oriġinarju" mill-UE, bil-ħsieb li nżomm tariffa preferenzjali għall-esportazzjonijiet tiegħi?

#### e. Proċeduri doganali

Sabiex jiġu infurzati r-rekwiżiti fiskali (dazji u taxxi indiretti, bħall-VAT u s-sisa) kif ukoll ir-rekwiżiti mhux fiskali, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa, is-sigurtà u s-sikurezza tal-Ewropej, kif ukoll tal-ambjent, il-prodotti kollha li jidhru jew joħroġu mill-UE jkunu suġġetti għal superviżjoni doganali, u jkunu suġġetti għal proċedura doganali<sup>13</sup>.

Wara l-Brexit, dan ikun japplika għall-prodotti li jkunu deħlin/ħerġin mill-UE lejn u mir-Renju Unit. In-numru tal-EORI maħruġ mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit, kif ukoll id-deċiżjonijiet doganali maħruġa mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit fil-kuntest tal-liġi doganali tal-UE (bħal awtorizzazzjonijiet, informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi, u informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini) ma jkunux validi fl-UE<sup>14</sup>.

→ Jien konxju mill-formalitajiet doganali tal-UE u mis-simplifikazzjonijiet disponibbli<sup>15</sup> li se japplikaw wara l-Brexit, b'mod partikolari jekk sa issa ftit jew xejn kelli esperjenza fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi?

#### f. Dazji doganali

Sabiex ċerti oġġetti barranin jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-UE, iridu jiġihallu d-dazji tal-importazzjoni. L-ammont ta' dan id-dazju jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' diversi fatturi, inkluż il-valur doganali (jiġifieri l-prezz imħallas jew li għandu jiġihallas għall-prodott, ikkoreġut minn fatturi oħra), il-klassifikazzjoni tiegħu, u r-rata applikabbli<sup>16</sup>.

Wara l-Brexit, ċerti prodotti li joriġinaw fir-Renju Unit ikunu soġġetti għal dazji tal-importazzjoni.

→ Jiena analizzajt jekk ikunux dovuti dazji doganali wara l-Brexit (u jekk nistax nipprovdni l-informazzjoni meħtieġa), b'mod partikolari jekk sa issa kelli ftit jew xejn esperjenza fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi?

#### g. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet

Sabiex jiġu protetti b'mod partikolari s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll l-ambjent, l-importazzjoni lejn u l-esportazzjoni mill-UE ta' ċerti oġġetti hija soġġetta għal "projbizzjonijiet u restrizzjonijiet"<sup>17</sup>. Dan jikkonċerna prodotti differenti ħafna, li jvarjaw mill-iskart<sup>18</sup> għall-mediċini<sup>19</sup> u minn ċerti prodotti agroalimentari<sup>20</sup> għal djamanti raffi, oġġetti kulturali<sup>21</sup> jew ċertu materjal radjuattiv<sup>22</sup>.

Wara l-Brexit, il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, u l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, japplikaw fir-rigward tar-Renju Unit. Barra minn hekk, il-liċenzji tar-Renju Unit għall-importazzjoni/esportazzjoni ta' prodotti lejn u minn l-UE mhux se jibqgħu validi.

→ Jien naf sewwa r-regoli tal-UE fejn jidhru projbizzjonijiet u restrizzjonijiet li se jkunu japplikaw wara l-Brexit, b'mod partikolari jekk sa issa ftit jew xejn kelli esperjenza fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi?

12 <https://ec.europa.eu/info/files/preferential-rules-origin>

<https://ec.europa.eu/info/files/guidance-customs-matters-case-no-deal>

13 <https://ec.europa.eu/info/files/customs-and-indirect-taxation> Ara wkoll "il-lista ta' kontroll tal-Brexit għall-kummerċjanti" li ssibha hawn: [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/uk\\_withdrawal#heading\\_1](https://ec.europa.eu/taxation_customs/uk_withdrawal#heading_1).

14 <https://ec.europa.eu/info/files/guidance-customs-matters-case-no-deal>

15 [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/uk\\_withdrawal](https://ec.europa.eu/taxation_customs/uk_withdrawal)

16 <https://ec.europa.eu/info/files/eu-rules-customs-debt-and-customs-tariffs>

17 <https://ec.europa.eu/info/files/import-and-export-licences>

18 <https://ec.europa.eu/info/files/waste-law>

19 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#sante>

20 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#sante>

21 <https://ec.europa.eu/info/files/export-cultural-goods>

22 <https://ec.europa.eu/info/files/euratom>

## h. Miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS)

Sabiex jiġu protetti s-sikurezza tal-ikel u s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u biex jiġi protett l-istatus sanitarju u fitosanitarju tal-UE, l-annimali ħajjin<sup>23</sup>, il-prodotti tal-ikel<sup>24</sup> u l-annimali u ċerti pjanti u prodotti tal-pjanti<sup>25</sup> jiġu kkontrollati sistematikament, mal-importazzjoni, f'faċilitajiet apposta (postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera).

→ Jien żgurajt li l-komoditajiet SPS se jidhru fl-UE permezz ta' Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera approvat għall-komodità rilevanti?



## 2. Provvista ta' servizzi fl-UE

### a. Liċenzji u awtorizzazzjonijiet

Sabiex jiġu żgurati b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumatur u l-fiduċja tal-konsumatur, kif ukoll l-infurzar effettiv tar-regoli tal-UE, f'ħafna oqsma ekonomiċi l-provvista ta' servizzi fl-UE teħtieġ liċenzja jew awtorizzazzjoni minn awtorità ta' Stat Membru tal-UE. Dawn huwa l-każ, pereżempju, fis-settur tat-trasport,<sup>26</sup> fis-settur tas-servizzi finanzjarji,<sup>27</sup> fis-settur awdjo-viżiv,<sup>28</sup> u fis-settur tal-enerġija<sup>29</sup>.

Wara l-Brexit, il-liċenzji jew l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn awtoritajiet tar-Renju Unit ma jibqgħux validi fl-UE. F'xi każijiet,<sup>30</sup> il-validità f'xi Stat Membru tal-UE tkun tiddependi fuq il-liġi nazzjonali.

→ In-negozju tiegħi jiddependi fuq liċenzji jew awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit? Jien applikajt għal liċenzji jew awtorizzazzjonijiet simili fl-EU-27, jew ittrasferejt tali liċenzji jew awtorizzazzjonijiet maħruġa mir-Renju Unit għal fuq xi awtorità fl-UE-27?

→ Bħala klijent, jien ivverifikajt jekk il-fornitur tiegħi għandux il-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex jipprovdi servizzi fl-UE?

### b. Provvista transfruntiera ta' servizzi

Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi – “libertà fundamentali” minquxa fit-Trattati tal-UE – tippermetti l-forniment transfruntier ta' servizzi madwar l-UE kollha, fil-limiti tal-liġi tal-UE<sup>31</sup>.

Wara l-Brexit, il-forniment ta' servizzi mir-Renju Unit lejn l-UE se jkun soġġett għal-liġi tal-UE u tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-impenji ta' aċċess u l-kwalifiki magħmula mill-UE skont il-liġi tad-WTO. Dan huwa rilevanti għal ħafna setturi tan-negozju, b'mod partikolari jekk in-negozji tal-UE jkomplu jaħdmu ma' fornituri tas-servizzi stabbiliti fir-Renju Unit.

→ Jien ivvalutajt jekk hemmx bżonn li noqgħod fuq servizzi pprovduti minn entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit?

→ Jien ivvalutajt jekk nistax inkompli niddependi fuq servizzi transkonfinali mir-Renju Unit?

23 [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_movements-live-animals](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_movements-live-animals)

24 [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_eu-food-law](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_eu-food-law)

25 [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_eu-food-law](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_eu-food-law)

26 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#move>  
[https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_animal-transport](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_animal-transport)

27 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#fisma>

28 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#cnect>

29 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#ener>

30 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#fisma>

31 <https://ec.europa.eu/info/files/provision-services-and-posting-workers>

### c. Kwalifiki professjonali

Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni u l-forniment tas-servizzi, ir-rikonoxximent, fi Stat Membru wieħed, tal-kwalifika professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor minn ċittadin tal-UE huwa ffaċilitat mid-dritt tal-UE<sup>32</sup>.

Wara l-Brexit, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba fir-Renju Unit se jsegwi r-regoli (nazzjonali) ta' rikonoxximent għal kwalifiki ta' pajjiżi terzi. F'ħafna każijiet, dan il-proċess ta' rikonoxximent huwa aktar ikkomplikat.

⇒ Jien ksibt, qabel il-Brexit, ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifika professjonali tiegħi miksuba fir-Renju Unit?



## 3. Aspetti oħrajn

### a. Taxxa fuq il-valur miżjud (oġġetti u servizzi)<sup>33</sup>

Ir-regoli għall-ħlas u r-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ivarjaw ħafna skont jekk il-provvista/l-akkwist tal-prodotti jew is-servizzi jseħħux fi ħdan l-UE jew ikunux transfruntiera, ma' pajjiżi terzi<sup>34</sup>.

Wara l-Brexit, japplikaw ir-regoli tal-UE għall-forniment transfruntier minn pajjiżi terzi.

⇒ Jien nafhom ir-regoli tal-UE u dawk nazzjonali applikabbli għall-forniment transfruntier lejn/mir-Renju Unit? Dan huwa rilevanti kemm għas-servizzi kif ukoll għall-oġġetti.

### b. Trademarks u disinji, indikazzjonijiet ġeografiċi, drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti

Trademark u disinn unitarji,<sup>35</sup> kif ukoll sistema tal-UE ta' indikazzjonijiet ġeografiċi<sup>36</sup> u regoli tal-UE dwar id-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti<sup>37</sup> jiżguraw il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali madwar l-UE.

Wara l-Brexit, il-protezzjoni mogħtija minn dawn id-drittijiet ma tapplikax aktar għat-territorju tar-Renju Unit.

⇒ Jien ħadt il-passi neċessarji biex niżgura protezzjoni kontinwa tad-drittijiet tiegħi tal-proprjetà intellettwali fir-Renju Unit?

### c. Kuntratti – klawżoli ta' ġurisdizzjoni

Ir-rikonoxximent u l-infurzar minn Stat Membru wieħed ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali li jkunu ngħataw fi Stat Membru ieħor huma ffaċilitati ħafna mil-liġi tal-UE<sup>38</sup>.

Wara l-Brexit, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi tar-Renju Unit se jkunu rregolati mir-regoli (nazzjonali) dwar sentenzi ta' pajjiżi terzi.

⇒ Jien evalwajt mill-ġdid l-għażla ta' ġurisdizzjoni tar-Renju Unit fil-kuntratti kummerċjali tiegħi?

32 <https://ec.europa.eu/info/files/professional-qualifications>

33 Fil-każ ta' **merkanzija soġġetta għas-sisa**, jekk jogħġbok irreferi <https://ec.europa.eu/info/files/guidance-excise-ongoing-movements-goods>.

34 <https://ec.europa.eu/info/files/value-added-tax-vat>

35 <https://ec.europa.eu/info/files/trademarks-and-designs>

36 [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_eu-food-law](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_eu-food-law)

37 [https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice\\_plant-variety-rights](https://ec.europa.eu/info/files/brexit-notice_plant-variety-rights)

38 <https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices#just>

#### d. **Data personali**

Il-liġi tal-UE tipprovdi għat-trażmissjoni ta' *data* personali fl-Istati Membri tal-UE mingħajr rekwiżiti addizzjonali<sup>39</sup>. Wara l-Brexit, it-trażmissjoni ta' *data* personali mill-UE lejn ir-Renju Unit hija soġġetta għar-regoli dwar it-trasferimenti ta' *data* lejn pajjiżi terzi. Dan huwa rilevanti għal ħafna setturi tan-negozju, b'mod partikolari jekk in-negozji tal-UE jkomplu jaħdmu ma' ċentri tad-*data* stabbiliti fir-Renju Unit.

⇒ Jien ħadt il-passi neċessarji biex niżgura l-konformità mar-regoli tal-UE jekk nittrasferixxu d-*data* personali lejn ir-Renju Unit?

#### e. **Kumpaniji rreġistrati fir-Renju Unit**

Id-dritt tal-UE jipprovdi għar-rikonoxximent, fi Stat Membru, ta' kumpanija inkorporata fi Stat Membru ieħor<sup>40</sup>. Wara l-Brexit, ir-rikonoxximent ta' kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit fl-UE se jiddependi fuq il-liġi (nazzjonali) għal kumpaniji inkorporati ta' pajjiżi terzi.

⇒ Jekk il-kumpanija tiegħi hija inkorporata fir-Renju Unit, jien ivverifikajt il-liġi nazzjonali biex nara jekk hux biżżejjed li l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju ikunu fl-UE biex inżomm l-istatus ta' kumpanija tal-UE?

#### f. **Tassazzjoni diretta**

Ir-regoli nazzjonali dwar it-tassazzjoni diretta tal-kumpaniji jridu jqisu l-liġi tal-UE, inklużi l-miżuri ta' armonizzazzjoni f'ċerti sitwazzjonijiet transfruntiera.

Wara l-Brexit, ir-regoli għat-tassazzjoni diretta tal-kumpaniji f'sitwazzjonijiet li jinvolvu r-Renju Unit se jkunu dawk applikabbli għal pajjiżi terzi.

⇒ Jien ħadt il-passi neċessarji biex niżgura l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar it-tassazzjoni diretta fejn ikun involut ir-Renju Unit?

<sup>39</sup> <https://ec.europa.eu/info/files/data-protection>

<sup>40</sup> <https://ec.europa.eu/info/files/company-law>